Ad Multos Annos lill-aħwa . . .

# SR RENATA MUSCAT O.P. u REV. PAUL MUSCAT O.S.A.

Santa Marija Ħad-Dingli 150 Sena Fostna

**Nhar il-Ħadd, 10 ta' Lulju 2011, fil-knisja parrokkjali ta' Ħad-Dingli ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla f'għeluq il-50 sena mill-professjoni solenni ta' Sister Renata Muscat O.P. u l-40 sena mill-ordinzzjoni saċerdotali ta' Rev. Paul Muscat O.S.A. Il-BORD EDITORJALI stieden lil Patri Pawl, kif jafuh ħafna minna, biex jaqsam magħna kelmtejn dwar il-mumenti ewlenin tal-ħidma pastorali tiegħu u ta' oħtu.**

## SR. RENATA MUSCAT O.P.
## 50 Sena Soru

Sr Renata (Elizabeth) Muscat twieldet Ħad-Dingli nhar it-13 ta' Mejju, 1941. Hi ngħaqdet mal-Ordni tad-Dumnikani nhar l-Epifanija tal-1958. Għamlet l-ewwel sitt xhur bħala prova fil-Kunvent ta' Pompei, ir-Rabat Għawdex. Kompliet imbagħad in-novizzjat fl-istess kunvent, u wara li għaddew dawn is-sentejn u nofs għamlet l-professjoni solenni tagħha fl-1961. Għalhekk issa ilha 50 sena bħala reliġjuża. Il-vokazzjoni tagħha tafha liz-zija tagħna, Sr Fortunata Muscat O.P., illum mejta. Hija ħadmet għal snin twal fl-isptar Santa Katarina, f'H'Attard. Għal xi snin kellha tmur fil-kunvent tal-Madre Generali tal-Virtù, ir-Rabat, minħabba l-ġenituri. Ġiet mibgħuta għal għaxar xhur l-Ingilterra u xi xhur fl-Istitut ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żabbar. Ħadmet ukoll fid-dar tax-xjuħ Ħal Lija, imbagħad in-Naxxar u issa f'*Lourdes Home*, f'Għawdex bħala superjura. Hija fakkret il-50 sena tagħha bħala Dumnikana nhar is-Sibt, 9 ta' Lulju 2011.

## REV. PAUL MUSCAT O.S.A.
## 40 Sena Saċerdot

Għaddew 40 sena minn meta l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, ikkonsagrani saċerdot ta' Kristu.


*Rev. Paul Muscat O.S.A. u Sr. Renata Muscat O.P.*

Jien twelidt Ħad-Dingli, nhar l-14 ta' Diċembru 1946, fid-dar numru 10 Triq il-Buskett. Fl-età ta' sbatax-il sena u disa' xhur, dħalt mal-Patrijiet Agostinjani. Kien nhar id-19 ta' Settembru 1963 meta mort Għawdex flimkien ma' erbgħa oħra biex nibda n-novizzjat. Fit-22 ta' Settembru lbist il-libsa l-bajda bħala novizz fil-kunvent tal-Agostinjani ġewwa Għawdex, fejn qiegħed illum. Fl-istess xahar u sena daħal is-Seminarju żagħżugħ ieħor minn Ħad-Dingli, Monsinjur Louis Camilleri.

Kif ġietni l-vokazzjoni? Fl-età ta' tmien snin kont abbati fil-kappella tal-Buskett, fejn dak iż-żmien fil-Ħdud, festi u ġranet oħra tal-obbligu kien jiġi jqaddes Patri Rafel Azzopardi O.S.A. Nista' ngħid li minnu

ġietni l-ħajra li nsir saċerdot bħalu. Ziju ta' missieri wkoll kien Agostinjan, Patri Wiġi Muscat. Wara l-iskola primarja ta' Ħad-Dingli u r-Rabat, bdejt immur l-iskola tal-Agostinjani ġewwa Ħal Tarxien fejn domt tliet snin u minn hemm bdejt il-ħajja reliġjuża. Konna ħamsa li dħalna flimkien. Wara sena ta' novizzjat, ġejna Malta fil-kunvent tar-Rabat, fejn fl-istess kunvent bdejna l-kors tal-filosofija u t-teoloġija. Wara tliet snin min-novizzjat, għamilna l-professjoni solenni fejn iddikjarajna li issa inqtajna minn mal-familja u minn kull ħaġa li stajna nippossjedu. Wara li temmejt it-teoloġija ġejt ordnat saċerdot fl-14 ta' Marzu 1971, ġewwa l-Knisja ta' Ġieżu, ir-Rabat.

Sentejn wara bdejt il-ħajja pastorali tiegħi ġewwa l-parroċċa ta' Santu Wistin il-Belt. Wara ħames snin ġejt mibgħut biex naqdi l-missjoni tiegħi ġewwa t-Tuneżija, f'post imsejjaħ *La Goulette*, port ċkejken ftit 'il bogħod mill-belt kapitali fejn domt erba' snin. Hemm ix-xogħol tiegħi kien nieħu ħsieb il-komunitajiet Taljani u tal-lingwa Ingliża mxerrdin mat-Tuneżija, speċjalment Taljani. Minn hemm erġajt sibt ruħi l-Belt Valletta għal ħafna snin oħra. Fl-1994 ġejt mibgħut ir-Rabat, Malta, biex nieħu ħsieb in-nies tal-inħawi tal-Buskett għal erba' snin u minn hemm ġejt mibgħut Katanja fi Sqallija fejn kellna knisja u kunvent f'idejna. Hemmhekk kien hemm devozzjoni kbira lejn Santa Rita, fejn għal nhar il-festa kienu jiġu mal-14,000 ruħ tant li min jidħol fil-knisja ma kienx ikun jista' joħroġ lura jekk mhux mill-kunvent. Għal xi żmien kont nieħu ħsieb spiritwali tal-ħabsin żgħażagħ. F'Katanja kellna tmien kmamar li kienu jservu ta' *hostel* speċjalment għall-Maltin li kienu jiġu jqattgħu xi ġranet magħna. Billi f'Katanja hemm ħafna Maltin miżżewġin hemm, kull xahrejn konna nlaqqgħuhom, nagħmlulhom quddiesa u wara nieħdu xi ħaġa flimkien. Wara erba' snin, erġajt ġejt imsejjaħ biex din id-darba nagħti servizz f'Għawdex. Barra s-servizz tiegħi fil-knisja tagħna, kull nhar ta' Ħadd immur inqarar fil-parroċċa tax-Xewkija, u kemm-il darba niġi msejjaħ għal xi funeral u anke mistieden f'purċissjonijiet. F'Għawdex għandna sittax-il kamra bħala *hostel*, fejn snin ilu kienu jkunu mimlijin bin-novizzi.

Inħeġġiġkom biex nitolbu għal xulxin u għal aktar vokazzjonijiet. Narakom fil-jiem sbieħ tal-festa ta' Santa Marija.


